# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru LIII**
**Illum il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2001**

**Appell Nru 74/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria Theresa Apap Bologna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni (li tipotizza aktar minn reat wiehed) migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Theresa Apap Bologna talli fit-8 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tas-1.30 p.m., fi Triq Suffolk, Pembroke, saqet vettura nru. JAR-359 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament ikkagunat hsarat f'hajt a dannu tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imsemmija Apap Bologna mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lil Maria Theresa Apap Bologna mill-imsemija imputazzjoni "fuq nuqqas ta' provi";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Ispettur Denise Mula u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Erbgha, 23 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali, u cioe` qed jikkontendi li l-Pulizija giet impeduta fil-kawza milli ggib prova li kienet indispensabbli biex issahhah l-akkuza, u li skond il-ligi setghet tingieb.

Mill-atti jirrisulta li fl-4 ta' April, 2001 – cioe` fid-data tas-sentenza – <u>gew ezibiti</u> riferti <u>pozittivi</u> fir-rigward ta' zewg xhieda tal-prosekuzzjoni: Kevin Borg, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke, u Ivan Saliba, allegatament xhud okulari tal-incident meritu tal-imputazzjoni. Il-fatt li dawn iz-

zewg riferti gew ezibiti hija mhux biss prova li dawn il-persuni kienu gew debitament imharrka, izda hija wkoll indikazzjoni cara, salv prova kuntrarja, li l-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti ghal dawn iz-zewg xhieda. Fid-deposizzjoni taghha tat-23 ta' Mejju, 2001, l-Ispettur Mula fissret li meta dawn ix-xhieda ma deherux quddiem il-Qorti Inferjuri, hija talbet li dawn jinstemghu f'okkazzjoni ohra u ghalhekk talbet differiment. Izda dik il-qorti ghaddiet ghas-sentenza.

Il-punt legali involut f'din il-kawza huwa, tista' tghid, identiku ghal dak deciz ftit gimghat ilu minn din il-Qorti fis-sentenza tas-17 ta' April, 2001 moghtija fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Margaret Urry***. Kif gie imfisser f'dik is-sentenza – u f'diversi sentenzi ohra ta' din il-Qorti – meta xhud debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu, u kemm-il darba ma jkunx hemm xi raguni valida ghala dak ix-xhud ma jkunx deher (ez., ikun marid), dik il-qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda; u jekk il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-qorti ma tkunx tal-fehma li x-xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (Artikoli 441(4) u 525(1)(a) tal-Kodici Kriminali). Dan necessarjament jimplika li l-qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. Inoltre, mhux biss l-akkuzat jew imputat huwa intitolat ghal smiegh xieraq; anke l-prosekuzzjoni, li tagixxi fl-interessi tas-socjeta` -- Artikolu 4 tal-Kodici Kriminali -- ghandha tinghata opportunita` adegwata li tippresenta l-kaz taghha. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tas-17 ta' April, 2001 aktar 'l fuq imsemmija. Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali huwa pjenament gustifikat.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet, specjalment lill-appellata, mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma l-provi mill-gdid, inkluz lil Kevin Borg u lil Ivan Saliba, tiddeciedi fuq l-imputazzjni migjuba kontra Maria Theresa Apap Bologna skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur